**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 t' Ottubru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Jean Paul Azzopardi Holland**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet kif korretti migjuba kontra:

Jean Paul Azzopardi Holland, ta' 40 sena, bin John u Maria Stella nee' Holland, imwieled Pieta' nhar l-1 ta' Ottubru, 1982, residenti f' Holland Court, Flat 3, Triq Bisazza, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita' 0563782M

Akkuzat talli fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2021 sa 17 ta' Novembru 2022, f'diversi hinijiet, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ikkaguna lill-eks mara tieghu u cioe' Bernardette Caruana ID 0470491M, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju ghall-eks mara tieghu Bernardette Caruana. (Art. 251A, Art.

251H(a)(b), Art. 251HA, Art. 202(h)(iv)(v)(j), Art. 222(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Kiser obbligazzjoni tieghu nnifsu fil-konfront ta' Bernardette Caruana taht penali ta' Elf (1,000) Ewro mahruga mill-Magistrat Dr. C. F. Frendo LL. D nhar l-14 ta' Dicembru 2021 ghal perjodu ta' sena u dan bi ksur tal-Artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula. (Art 49, 50 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija li kiser il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjoni tieghu, is-somma ta' Elf (1,000) Euro tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' l-allegata vittma.

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Jean Paul Azzopardi Holland a benefiċju ta' Bernardette Caruana u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fl-ewwel seduta u cioe fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' hames (5) snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef euro (€10,000) flimkien mal-hlas ta' elf euro (€1,000) imposta bhala garanzija personali minn din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza tas-16 ta' Dicembru 2021, u issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet ix-xhieda, inkluz dik tal-ufficjal tal-probation Marilyn Formosa u rat il-*pre-sentencing report* taghha fil-konfront tal-imputat.

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, mix-xhieda ta' Marica Mifsud, Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali jirrizulta li l-imputat ghad ma hallasx il-multa imposta fuqu bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Dicembru 2021, u ghalhekk ma jistghax jinghad li l-piena giet skontata. Konsegwentement ma jistghax jinghad li jissussistu l-elementi kollha sabiex ikun hemm ir-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, stante li wiehed minn dawn l-elementi hu li l-piena tkun giet skontata. Ghaldaqstant, nonostante l-ammissjoni tieghu ghall-addebitu tar-recidiva, din il-Qorti ma tistax issibu hati ta' dan ir-reat.

10. Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet fuq ammissjoni tieghu stess.

11. Ghalkemm il-fedina penali tal-imputat m'hix wahda allarmanti, lanqas hija wahda netta. Huwa ghandu erba' (4) kundanni minn dawn il-Qrati, tnejn minnhom ghal ingurja u theddid lil Ufficjal tal-Pulizija, kundanna ohra ghal ingurja u theddid lill-parti offiza f'dawn il-proceduri, u kundanna ohra talli ghamel uzu mhux xieraq minn xi network jew apparat tal-komunikazzjoni eletronika.

12. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

13. Jidher li l-imputat ikkommetta r-reati in kwistjoni ghaliex ma riedx jaccetta li r-relazzjoni bejnu u bejn il-parti offiza intemmet, u kien qieghed icemplilha ghexieren ta' drabi kuljum.

14. Fil-*pre-sentencing report* taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet hekk:

*"Pjan ta' Kura*

*Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport deher car li minkejja li certi aspetti tal-hajja ta' Jean Paul Azzopardi Holland huma pjuttost stabbli, fejn huwa ghandu r-rutina tieghu u s-sapport tal-familja u l-hbieb tieghu, jidher li hemm problemi fejn jidhlu r-relazzjonijiet intimi li huwa jkollu. Huwa ghandu bzonn jiehu l-ghajnuna necessarja f'dan ir-rigward, sabiex jigi zgurat li huwa ma jkollux reati ohra fil-futur tieghu.*

*Rakkomandazzjoni*

*Fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret f'dan ir-rapport jidher li Jean Paul Azzopardi Holland jaghraf ftit il-hazin li huwa ghamel u jidher li qed jifhem il-bzonn li huwa jiehu l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ma jergax jirrepeti l-istess zbalji.*

*Ghaldaqstant, qed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li Jean Paul Azzopardi Holland, jinghata Ordni ta' Probation skont l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ikollu s-supervizjoni necessarja halli jigi zgurat li huwa jiehu l-ghajnuna necessarja biex jitnaqaas ic-cans li jkun hemm problemi simili fil-futur.*

*Qed jigi umilment issuggerit ukoll li Jean Paul Azzopardi Holland jinghata Ordni ta' Trattament sabiex isegwi Programm STOP offrut mill-Agenzija Appogg liema programm jahdem ma' persuni li jkunu ghamlu reati ta' vjolenza domestika, u li jkun segwiet minn psikjatra sabiex isir l-assessjar adegwat u jigi evalwat jekk hemmx problemi ta' natura ta' sahha mentali. Dan qed jintalab b'mod partikolari minhabba li l-imputat tkellem fuq episodji ta' blackouts li huwa jesperjenza, minhabba l-ansjeta li ilu jbati minnha minn meta kien zghir, minhabba li l-missier gie certifikat li ghandu kundizzjoni ta' sahha mentali li tista' tkun ereditarja genetikament, u anke minhabba li trabba f'ambjent fejn kien hemm vjolenza domestika ghaddejja u seta' sofra minn trawmi fit-trobbija tieghu."*

15. Tenut kont in-natura tal-imputazzjonijiet, u cioe reati ta' vjolenza domestika, u li din hija t-tieni darba fi zmien perjodu ta' inqas minn sena li l-imputat instab hati ta' reat ta' vjolenza domestika lejn l-istess parti offiza, il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun iktar idoneu li l-imputat jinghata piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza milli sempliciment ordni ta' Probation, sabiex dan iservi ukoll ta' deterrent sabiex ma jergghax jikkommetti reati ohra ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-parti offiza. Huwa diga kellu obbligazzjoni personali taht penali ta' elf Euro (€1000) imposta mill-Qorti biex ma jingurjax jew joffendi lill-parti offiza, izda dan nonostante huwa rega' ikkommetta dan ir-reat. Anke mill-mod ta' kif huwa tkellem mal-Ufficjal tal-Probation, kif jirrizulta mill-istess rapport, jidher li l-imputat ghadu qed jittama li jerga' jkompli r-relazzjoni li kellu mal-parti offiza.

16. Fix-xhieda taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet li ma irrakkomandatx li l-imputat jinghata sentenza sospiza, ghaliex l-imputat ammetta li hu recidiv, u f'kaz ta' recidiva ma tistax legalment tinghata sentenza sospiza. L-Ufficjal tal-Probation ghandha legalment raguni, pero ladarba din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati li hu recidiv, ghar-ragunijiet fuq moghtija, isegwi li issa ma hemm ebda ostakolu legali li l-imputat ma jinghatax sentenza sospiza.

17. Il-Qorti taqbel pero mas-suggeriment tal-Ufficjal tal-Probation li ghandu jkun hemm ordni ta’ supervizjoni kif ukoll ordni ta’ trattament.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

(1) issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u ghalhekk qed tilliberah minnha;

(2) wara li rat l-Artikoli 251A, 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(iv)(v)(vi), 222(1)(a) u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(3) A tenur ta’ l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ma’ din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta’ Supervizjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

(4) Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qed tqieghed il-hati taht ordni ta’ trattament ghal zmien tlett (3) snin bil-ghan li l-hati isegwi l-Programm STOP tal-Agenzija Appogg.

(5) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta’ Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta’ Bernadette Caruana. Din l-Ordni ta’ Trażżin qed tinħareġ għall-perjodu ta’ tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew il-mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta’

Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

19. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni,

20. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car u semplici il-konsegwenzi jekk huwa jonqos li jottempera ruhu ma' l-Ordni ta' Trattament.

21. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

22. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**